



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2022  
(OR. fr)

7078/1/22  
REV 1

LIMITE

AG 26  
INST 70

#### NOTA

---

minn:	Il-Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Thejġija tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2022 - Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness verżjoni modifikata tad-dokument informali mħejji mill-Presidenza dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2022.

**Dokument informali dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa - proposta tal-Prezidenza Franċiża**

Wara diskussjonijiet bejn l-Istati Membri fl-aħħar KAĠ formali u informali, il-Prezidenza tipproponi l-metodoloġija li ġejja. Dan l-approċċ huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta u mar-regoli ta' proċedura, u jagħmilha possibbli li l-ħidma tal-Konferenza tiġi konklużiva fid-9 ta' Mejju 2022.

**Dikjarazzjoni Konġunta**

*"Plenarja tal-Konferenza ser tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-panels taċ-ċittadini nazzjonali u Ewropej, miġbura skont it-tema, jiġu diskussi mingħajr eżitu determinat minn qabel u mingħajr ma jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni għal oqsma ta' politika definiti minn qabel. [...] Il-Bord Eżekuttiv ser ifassal u jippubblika l-konklużjonijiet tal-Plenarja tal-Konferenza.*

*L-istrutturi tal-Konferenza ser jaqblu mill-bidu nett u fuq bażi konsenswali dwar il-modalitajiet għar-rapportar dwar l-eżiti tad-diversi attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Konferenza. L-eżitu finali tal-Konferenza għandu jkun ippreżentat f'rapport indirizzat lill-Prezidenza Konġunta. It-tliet istituzzjonijiet ser jeżaminaw malajr x'segwitu effikaċi għandu jkun hemm għal dan ir-rapport, kull waħda fil-limiti tal-kompetenzi tagħha u f'konformità mat-Trattati. "*

## **Regoli ta' Proċedura**

Artikolu 17 - kompiti u arranġamenti ta' ħidma tal-Plenarja: "Il-Plenarja tal-Konferenza għandha tiddibatti u tiddiskuti r-rakkomandazzjonijiet imħejjija mill-panels taċ-ċittadini nazzjonali u Ewropej, u l-kontribut miġbur mill-pjattaforma diġitali multilingwi, imqassam skont it-tema, b'rispett sħiħ tal-prinċipji bażiċi tal-UE u tal-Karta tal-Konferenza, mingħajr eżitu determinat minn qabel u mingħajr ma jkun limitat l-kamp ta' applikazzjoni għal oqsma ta' politika definiti minn qabel. Wara li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu ġew ippreżentati miċ-ċittadini u diskussi magħhom, il-Plenarja, fuq bażi kunsenswali, għandha tressaq il-proposti tagħha lill-Bord Eżekuttiv. [...]

Irid jintlaħaq kunsens mill-inqas bejn ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni Ewropea, u tar-rappreżentanti mill-parlamenti nazzjonali, fuq bażi ugwali. Jekk ikun hemm pożizzjoni diverġenti ċara mir-rappreżentanti taċ-ċittadini minn avvenimenti nazzjonali u/jew mill-panels taċ-ċittadini Ewropej jew nazzjonali, din għandha tiġi espressa fir-rapport tal-Bord Eżekuttiv. "

Artikolu 18 - Konklużjonijiet tal-Plenarja: "Abbażi tad-diskussjonijiet u tal-proposti tal-Plenarja tal-Konferenza, il-Bord Eżekuttiv, filwaqt li jaġixxi fuq bażi kunsenswali, għandu jfassal rapport, f'kollaborazzjoni sħiħa u bi trasparenza totali mal-Plenarja tal-Konferenza. Dan ir-rapport imbagħad għandu jiġi ppubblikat fuq il-pjattaforma diġitali multilingwi. "

## **Metodoloġija proposta**

### **1) Rakkomandazzjonijiet tal-panels taċ-ċittadini**

Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet adottati mill-panels taċ-ċittadini Ewropej u nazzjonali, u tal-kontributi tal-pjattaforma diġitali multilingwi (abbażi tar-rapport finali m'ħejji minn Kantar), is-segretarjat komuni - b'mod newtrali u oġġettiv - jiġbor ir-rakkomandazzjonijiet fi gruppi tematiċi (raggruppamenti). Għal kull raggruppament, il-proposti għandhom jitfasslu mis-segretarjat komuni, fuq proposta mill-president u mill-kelliem taċ-ċittadini ta' kull grupp ta' ħidma kkonċernat. Dawn il-proposti għandhom jinkludu żewġ elementi: 1/ objettiv ta' politika ġenerali u 2/ sett ta' miżuri għall-implimentazzjoni tiegħu. Ir-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-panels taċ-ċittadini għandhom jiġu inklużi fil-proposti.

Il-gruppi ta' ħidma ser jiffokaw il-ħidma tagħhom fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-panels taċ-ċittadini, mingħajr ma jirrikorru għal miżuri ġodda. Il-kontribuzzjonijiet mill-pjattaforma diġitali multilingwi jistgħu jikkomplementaw u juru l-miżuri eżistenti taċ-ċittadini.

### **2) Dibattiti u proposti tal-Plenarja**

Il-plenarja ser tiddibatti u tiddiskuti dawn il-proposti fi gruppi ta' ħidma u waqt laqgħat plenarji tal-25-26 ta' Marzu u tat-8-9 ta' April.

Il-membri tal-komponent tal-Kunsill ser ikunu jistgħu jiddiskutu, b'mod partikolari, il-fattibbiltà u l-implikazzjonijiet leġislattivi tal-miżuri proposti fid-dawl tal-kriterji li ġejjin: politiki eżistenti tal-UE, proposti li jirrikjedu emendi leġislattivi u miżuri li jirrikjedu tibdil fit-Trattati.

Il-gruppi ta' ħidma ser ikollhom jinkorporaw b'mod trasparenti l-pożizzjonijiet u l-analiżi espressi waqt il-laqgħat plenarji sabiex jaslu għal proposti konsolidati qabel il-laqgħa plenarja tad-29 u t-30 ta' April. F'din l-aħħar laqgħa plenarja, il-proposti konsolidati għal kull grupp ta' ħidma ser jiġu ppreżentati lill-plenarja kollha kemm hi.

Kull komponent tal-plenarja ser jiddetermina liema mill-proposti konsolidati huma meqjusa li għandhom l-ogħla prijorità. Il-plenarja ser tipproponi lill-Kunsill Eżekuttiv klassifikazzjoni indikattiva tal-proposti kollha, filwaqt li tiżgura l-valur miżjud tal-plenarja u żżomm ir-rakkomandazzjonijiet inizjali kollha taċ-ċittadini.

### **3) Abbozzar tar-rapport finali mill-Bord Eżekuttiv**

Bejn l-aħħar plenarja (29-30 ta' April) u l-avveniment tal-għeluq fid-9 ta' Mejju, il-Bord Eżekuttiv ser jiddetermina il-mod kif jixtieq jippreżenta l-konklużjonijiet tal-Konferenza fir-rapport finali, li ser jiġi ppreżentat lill-Kopresidenza fid-9 ta' Mejju. Aħna nipproponu li r-rapport finali jiġi organizzat kif ġej: 1/ rapport qasir ta' attività, u 2/ preżentazzjoni tal-proposti finali, li jkopru r-rakkomandazzjonijiet kollha taċ-ċittadini b'mod ġerarkiku.

### **4) Avveniment tal-għeluq tad-9 ta' Mejju**

Fid-9 ta' Mejju, it-tliet kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv ser jippreżentaw ir-rapport finali lill-Presidenza Konġunta tal-Konferenza (Presidenti tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-UE). Kull istituzzjoni mbaġħad tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proposti finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, fil-qafas tal-kompetenzi tagħha. Il-kopresidenti ser jiżguraw li jkun hemm segwitu u ser jipprovdu lill-membri tal-plenarja b'feedback dwar il-progress u l-implimentazzjoni tal-proposti.